# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 21 ta' Novembru 2024**

**Numru 11**

**Rikors Numru 12/2018/2**

**Mark Anthony Portelli**
**vs**
**Norman Zammit**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Mark Anthony Portelli (l-Attur) tal-5 ta' Jannar 2018 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. Illi l-attur silef lill-konvenut l-ammont ta` ħamsin elf euro (Euro 50,000) għall-bżonnijiet tal-konvenut;

2. Illi dawn il-flus ġew avvanzati lill-konvenut fil-25 ta` Ottubru 2013, u dan kif jidher minn kopja ta` ċekk, hawn anness, esebit u mmarkat bħala **DOK. A;**

3. Illi fil-31 ta` Lulju 2015, il-konvenut radd lura għaxart elef euro (Euro 10,000) hekk kif jirriżulta minn kopja ta` riċevuta, hawn annessa, esebita u mmarkata bħala **DOK.B;**

4. Illi l-konvenut għamel pagament ieħor ta` għaxart elef euro (Euro 10,000) fis-17 ta ` Awissu 2015, hekk kif jirriżulta minn kopja ta` Deposit slip hawn anness, esebit u mmarkat bħala **DOK.C;**

5. Illi l-konvenut ma għamel ebda ħlas ulterjuri;

6. Illi għalhekk, il-bilanċ li għadu dovut li l-esponenti jammonta għal tletin elf euro (Euro 30,000);

7. Illi l-konvenut ġie interpellat sabiex irodd lura l-bilanċ rimanenti permezz ta` ittra legali datata 18 ta` Diċembru 2017, li kopja tagħha tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata bħala **DOK. D**, iżda baqa inadempjenti;

8. Illi l-ammont pretiz ta` tletin elf euro (Euro 30,000) huwa ċert, likwidu u dovut, u sa fej jaf l-attur, il-konvenut m` għandu ebda difiża valida fil-liġi x` jipproponi biex jikkontesta din il-kawża;

9. Illi dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza ta` l-esponenti;

10. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;

Jgħid il-konvenut għaliex dina l-Onorabbli Qorti m`għandhiex, bid-dispensa tas-smiegħ a tenur ta l-Artikolu 167 et seq tal-Kap.12 tal-Liġijet ta ` Malta;

1) Tiddikjara li l-konvenut huwa debitur ta` l-attur fis-somma ta` tletin elf euro (Euro 30,000);
2) Tikkundanna l-konvenut iħallas lill-attur iħallas l-ammont ta` tletin elf euro (Euro 30,000);

Bl-ispejjeż inkluż dawk ta` l-ittra legali tat-18 ta` Diċembru 2017, u tal-Mandat ta` Sekwestru intavolat kontestwalment, kontra l-konvenut, li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Rat li din il-Kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta wara Sentenza tal-Qorti tal-Appel tal-15 ta’ Novembru 2023.

Rat li dik is-Sentenza tal-15 ta’ Novembru 2023 ħassret u annullat l-ewwel Sentenza fl-ismijiet premessi peress li r-rikors ġuramentat promotur ma kienx ġiet debitament notifikat skond il-liġi.

Rat ir-risposta ġuramentata ta’ Norman Zammit tas-16 ta’ Mejju 2024 (il-konvenut) li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:

1. Illi preliminarjament l-azzjoni tas-soċjeta` rikorrenti għandha tkun dikarajta deżerta ai termini tal-artiklu 963 (1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta` Malta, stante li l-proċeduri bil-miktub ma ngħalqux entro t-terminu perentorju stabilit bil-liġi;

2. Illi għalhekk l-intimat għandu jkun liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

3. Illi preliminarjament ukoll mingħajr preġudizzju għas-suespost l-azzjoni hija preskritta bid-dekors ta` ħames snin ai termini tal artkolu 2156(f) tal-kap 12;

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, mhux minnu li l-esponenti huwa debitur tal-attur u dana kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża u dana tenut kont il fatt illi jekk xi darba fil-passat għaddew xi flus bejn il-partijiet dawn ġew saldati peress li l-partijiet kienu jagħmlu negozju flimkien;

5. Salv eċċezzjonijiet oħrajn permissibli bil-liġi;

Rat l-atti u dokumenti fil-kawża.

Rat li bħala l-ewwel eċċezzjoni l-konvenut qanqal li l-Kawża għandha tkun dikjarata deżerta ai termini ta' l-artikolu 963(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante li l-proċeduri bil-miktub ma ngħalqux entro terminu perentorju stabbilit bil-liġi.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għal deċiżjoni parzjali fuq din l-ewwel eċċezzjoni.

**Ikkunsidrat**

L-artikolu 963 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi fost oħrajn hekk:

*"(1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) u tal-artikoli 416 u 420, il-proċedura bil-miktub, f'kull kawża, għandha tiġi magħluqa, fil-qorti tal-ewwel grad, fiż-żmien perentorju ta' sitt xhur, u, fil-qorti fi grad ta' appell,*

*fiż-żmien perentorju ta' sena. Minn meta jibda għaddej iż-żmien fil-qorti tal-ewwel grad u fil-qorti fi grad ta' appell.*

*(2) Fil-qorti tal-ewwel grad, iż-żmien jibda għaddej minn dak in-nhar tal-preżentata tar-rikors ġuramentat, u, fil-qorti fi grad ta' appell, minn dak in-nhar tal-preżentata tar-rikors tal-appell għat-tħassir jew tibdil tas-sentenza appellata.*

*(3) Jekk, ukoll jekk ikunu għaddew iż-żminijiet perentorji msemmijin fis-subartikolu (1), jinsab li l-proċeduri bil-miktub f'kawża m'humiex magħluqa, il-qorti għandha għal darba waħda biss tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex l-istess proċeduri jingħalqu kemm jista' jkun malajr u sabiex jiġi evitat illil-kawża tmur deżerta minħabba f'xi nuqqas ta' notifika jewminħabba f'xi nuqqas ta' twettiq ta' xi proċedura jew formalità.*

*(3A) Id-deżerzjoni ta' kawża għandha tiġi dikjarata b'digriet mogħti fil-qorti bil-miftuħ jekk, wara li jkunu ngħataw l-ordnijiet imsemmijin fis-subartikolu (3), il-proċeduri bil-miktub jibqgħu ma jingħalqux. Il-proċedura bil-miktub titqies magħluqa jekk il-parti li ma tkunx ġiet innotifikata b'att tidher fis-smigħ tal-kawża.*

*(4) B'dak kollu li hu miġjub fis-subartikolu (3), il-proċeduri bil-miktub għandhom jitqiesu magħluqa kemm -il darba l-parti, li ma tkunx ġiet innotifikata b'att meħtieġ għall-egħluq tal-proċess, <u>tidher waqt is-smigħ tal-kawża</u> u ma tagħtix l-eċċezzjoni li l-proċeduri bil-miktub ma ġewx magħluqa u tgħaddi jew xjentement tħalli lil ħaddieħor jgħaddi għal atti oħra bla ma tagħti dik l-eċċezzjoni"* (Emfażi tal-Qorti).

Fis-sentenza mogħtija minn din il-**Qorti tal-5 ta' Ġunju, 2003 fl-ismijiet Mario Schembri et vs Dr Anthony Galea Debono et** jingħad hekk :-

"*Illi d-deżerzjoni tapplika minħabba l-ħtieġa li proċeduri bil-miktub ta' kull kawża (jiġifieri qabel ma tibda t-trattazzjoni tagħha) jmisshom jagħlqu sa żmien li l-liġi tgħid li huwa perentorju. Fil-każ ta' kawżi fl-ewwel grad, dan iż-żmien huwa ta' sitt (6) xhur, li l-liġi trid li jibda għaddej minn dak inhar li jitressaq l-Att taċ-Ċitazzjoni;*

*... Illi għal żmien twil, id-disposizzjonijiet tal-liġi għar-rigward ġew imfissra u applikati b'mod iebes u intransiġenti għall-aħħar u dan bil-ħsieb li jiġi mħares in-nuqqas ta' dewmien mhux meħtieġ fil-kawżi. Min-naħa l-oħra jidher li huwa daqstant xieraq u mistħoqq li l-liġi tassikura li s-sanzjonijiet maħsuba fl-istitut tad-deżerzjoni ma jintefgħux fuq il-parti li tonqos li twettaq il-parti tagħha fiż-żmien stabbilit minkejja r-rieda tagħha, jew jekk turi li trid tuża l-ħila kollha tagħha biex tilħaq lill-parti l-oħra, jew fejn il-parti l-oħra tirrinunzja għall-eċċezzjoni;*

*Illi, kif ingħad minn din il-Qorti wkoll, l-istitut tad-deżerzjoni huwa maħsub biex jippenalizza lil dak l-attur (jew appellant) li ma jkunx qiegħed imexxi bil-għaqal il-proċedura mibdija minnu, iżda mhux maħsub la biex jorbot idejn il-Qorti fl-appuntament tal-kawżi u lanqas biex isawwat lill-attur (jew appellant, skond il-każ) minħabba ħtijiet amministrattivi tal-Qorti.*"

Issa l-Qorti ma tistax ma tosservax li meta jinqara' dan l-artikolu jipprovdi għal żewġ sitwazzjonijiet għalkemm il-liġi ma tipprovdix espressament għalihom. L-ewwel parti fejn tkun l-istess Qorti li tqanqal id-deżerzjoni

għaliex la ma jkunx sar f'dak iż-żmien li trid il-liġi. It-tieni parti meta d-deżerzjoni titqanqal mill-konvenut billi jidher fis-seduta (hu u mhux l-avukat tiegħu) u jqanqal bħala eċċezzjoni d-deżerzjoni.

Issa huwa minnu li kif tgħid tajjeb l-ewwel Qorti l-Attur f'din il-Kawża ma mexiex b'reqqa u għaqal tant li anke tgħid li ma setax jieħu 'shortcuts' biex jinnotifika (ara a' fol 162). Dik il-Qorti tgħid ukoll li l-Attur għandu l-obbligu li josserva l-formalitajiet kollha tal-liġi, iżda dan l-obbligu ma hux biss tal-Attur iżda anke tal-Konvenut. Dan għaliex kemm -il darba dawn il-Qrati rribadew li l-liġijiet tal-proċedura, billi huma ta' ordni pubbliku, għandhom japplikaw *ad litteram* u *ad unguem* billi jingħataw interpretazzjoni stretta u mhux tiġi suplantata b'xi forma ta' ekwipollenza jew prassi oħra.

Hekk kif jinsab sostnut fil-ġurisprudenza: "*trattandosi di leggi di procedura che hanno progetto l'ordine pubblico mediante una convenzionismo di forma, non si deve ammettere altra interpretazione che la letterale nel senso che ove la legge per produrre certi effetti prescrive una certa forma, questa si debba osservare alla lettera e non per equipollens*" (**Kollez. Vol.XVIII.I.19**).

Issa sabiex eċċezzjoni bħal dik tirnexxi ma hux biżżejjed li tingħata fir-risposta ġuramentata, imma dak in-nhar li tingħata l-parti trid "*tidher waqt is-smigħ tal-kawża*". Issa mill-atti jirriżulta li l-konvenut deher darbtejn. Fis-seduta tal-15 ta' April 2024 u fis-6 ta' Mejju 2014 meta ta ruħu b'notifikat. F'ebda waħda minn dawk l-okkażjonijiet ma qanqal id-deżerzjoni ħlief fir-risposta ġuramentata tiegħu tas-16 ta' Mejju 2024 fil-mori tad-differiment.

Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li biex din l-eċċezzjoni tirnexxi kellha tingħata mil-konvenut billi jidher fis-seduta u jqanqalha. Fin-nuqqas tali eċċezzjoni għalkemm mogħtija fir-risposta ġuramentata ma ġietx segwita l-forma tal-liġi kif spjegat aktar 'l fuq biex tista' tirnexxi.

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża billi tiċħad l-eċċezzjoni ta' deżerzjoni u għalhekk qed tordna l-prosegwiment tal-Kawża. Spejjes ta' din il-vertenza għall-konvenut.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**